MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 2081/2003

**Atlas Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, surrogata fid-drtiijiet tal-assikurat taghha Joseph Giacchino u l-istess Joseph Giacchino**

**vs**

**Carmel Axiak**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm260.39) rapprezentanti danni kawzati f'incident awtomobilistiku li gara fil-11 ta' Frar 2002, il-Hamrun, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru IAI 019 habat mal-vetura numru IAE 258, propjeta' tal-attur Joseph Giacchino u misjuqa minnu, ghall-liema

ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali (b’zewg notifiki) tat-3 ta’ Setembru 2002 u dawk tal-ittra ufficjali (b’notifika wahda) prezentata kontestwalment mal-Avviz a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax legali b’effett mit-3 ta’ Settembru 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes ghaliex ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma kienx jahti l-eccipjent.
Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 860 Keith Caruana, Steve Conti, Joseph Giacchino u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-rattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fil-11 ta’ Frar 2002, fi Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun, bejn il-vettura bin-numru tar-egistrazzjoni IAE 258 misjuqa minn u propjeta’ tal-attur Joseph Giacchino u assikurata taht polza comprehensive mas-socjeta’ attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAI 019 misjuqa mill-konvenut.

Joseph Giacchino xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Trqi P.P. Mifsud sejjer lejn il-Hamrun, meta ra l-vettura tal-konvenut wieqfa quddiemu bl-indicator tal-lemin mixghul u peress li huwa kellu bizzejjed spazju fuq in-naha tax-xellug biex ikomplii ghaddej, huwa baqa’ ghaddej ghad-dritt izda malli skorra nofs il-vettura tal-konvenut sema’ hoss u sussegwentement induna li dan tala-hhar kien dahal fih. Il-hsara fil-vettura ta’ Giachino kienet fuq in-naha tal-lemin, minn nofs il-vettura lura. Giacchino xehed ukoll li wara l-incident il-konvenut qallu li huwa kien dar lejn ix-xellug

ghaliex ra vettura gejja mid-direzzjoni opposta, u cioe' mit-triq li ried jidhol fiha hu, u sabiex jevitaha dar lejn ix-xellug.

Il-konvenut xehed li fid-data tal-incident huwa kein qed isuq fi Psaila Street sejjer lejn il-Knisja tal-Kuncizzjoni, huwa waqaf ghaliex reid idur lejn il-lemin u kien wieqaf bl-indicator tal-lemin mixghul meta hass xi haga thokk man-naha tax-xellug u sab ghafsa zghira fil-bumper. Huwa qal li ma kienx ra l-vettura ta' Giacchino qabel l-impatt u dan ghaliex huwa ma harisx warajh. Huwa qabel li l-hsara fil-vettura ta' Giacchino kienet man-naha tal-lemin, mill-bieba tad-driver lura.

Irid jigi rilevat mal-ewwel li ghalkemm fix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal il-konvenut ma semma' xejn dwar vettura ohra li kienet gejja minn Triq Mons. Depiro, fil-verzjoni li ta 'a tempo vergine', u cioe' dik riportata fir-Road Accident Report, huwa ghamel referenza ghal din il-vettura l-ohra li kienet gejja minn Triq Monsinjur Depiro u sejra fid-direzzjoni ta' Santa Venera. Din il-verzjoni moghtija 'a tempo vergine' tikkorobora dak li qal l-attur John Giacchino in kwantu jirrigwarda d-dinamika tal-incident. It-Tribunal jidhirlu li l-verzjoni moghtija minn Giacchino hija ferm aktar verosimili u hija korroborata mill-entita' u l-posizzjoni tal-hsarat riportati fiz-zewg vetturi.

Fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut ghandu jitqies unikament responssabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni ghaliex mill-provi rrizulta ampjament li huwa qabad u dar lejn ix-xellug waqt li kien stazzjonarju bl-indicator tal-lemin mixghul u dan minghajr ma ta kaz ghal vetturi li setghu kienu gejjin minn warajh fil-karreggjata ta' gewwa, kif fil-fatt kien qed jipprocedi Joseph Gacchino. It-Tribunal minn-aha l-ohra ma jirriskontra ebda negligenza jew impudenza fis-sewqan tal-attur Jospeh Giacchino, liema sewwieq kien qed jipprocedi ghad-dritt fil-karreggjata ta' gewwa, ra l-vettura tal-konvenut wieqfa bl-incicator tal-lemin mixghul, ra li kien hemm spazju ta' madwar vettura u nofs bejn il-vettura tal-konvenut u l-vetturi parkeggjati lejn ix-xellug tat-triq u ghalhekk gjustament iddecida li seta' jkompli jipprocedi ghal triqtu minghajr ebda perikolu ghalih jew ghal traffiku iehor li kien

fit-triq. Kienet il-manuvra li effetwa l-konvenut meta huwa qabad u dar lejn ix-xellug waqt li kellu l-indicator tal-lemin mixghul, u dan minghajr ma ta kaz ghat-traffiku li kien gej minn warajh, li kienet il-causa prossima tal-incident ‘de quo’.

l-quantum tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma giet kontestata mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi esebew l-ircevuti kollha relattivi ghad-danni minnhom reklamati leima danni jidhru li huma perfettament kompatibbli mad-dinamika tal-incident stradali li jifforma l-mertu  ta’ din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundana lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u sittin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm260.39), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Settembru 2002 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------